# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 150/85 NA**

**Alfred Quintano, bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri, Gerald Quintano u b'nota tal-4 ta' Marzu 1991 Gerald Quintano assuma l-atti tal-kawza flok missieru stante li sar maggorenni**

**vs**

**Anthony Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Frar 1985 mill-attur Alfred Quintano bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri, Gerald Quintano illi permezz taghha, wara illi ppremetta illi fil-11 ta' Gunju 1983 waqt li l-konvenut kien qed isuq *fork-lifter* fi Pjazza Sette Giugno, limiti tal-Marsa, din kienet involuta

f'incident stradali, ghal liema incident kien jahti unikament il-konvenut, u f'liema incident kien wegga' gravement il-minuri Gerald Quintano li kien rikeb fil-*fork-lifter* flimkien mal-konvenut u illi b'konsegwenza diretta tal-griehi sofferti l-imsemmi minuri Gerald Quintano baqa' jsofri minn debilita' ta' natura permanenti, kif jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat mill-Profs. Carmel Apap Bologna, esebit bhala Dokument "A";

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni sofferti mill-minuri Gerald Quintano;

2. tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas l-ammont dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-Mandat ta' Impediment tal-Partenza kawtelatorju numru 107/85 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti pprezentati mill-attur nomine.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fit-12 ta' Marzu 1985 illi permezz taghha l-istess konvenut eccepixxa illi -

1. huwa ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

2. minghajr pregudizzju ghall-premess, il-minuri Gerald Quintano ma kien sofra ebda danni bhala rizultat ta' l-incident in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti pprezentati mill-konvenut;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru 1985 illi permezz taghha gie nominat bhala Perit Legali Dr. Michael Frendo LL.D. bis-soliti fakoltajiet u bl-assistenza, jekk il-Perit Legali jifhem li hu l-kaz, ta' Dr. Alfred Bartolo M.D.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 1988 illi permezz tieghu l-Perit Legali Dr. Michael Frendo LL.D. gie sostitwit bl-Avukat Dr. Kenneth Grima LL.D. bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat in-nota pprezentata minn Gerald Quintano fl-4 ta' Marzu 1991 illi permezz taghha huwa assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju minflok missieru stante illi huwa kien lahaq il-maggor eta';

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 1993 illi permezz tieghu gie nominat it-Tabib Kirurgu Carmel Sciberras bhala espert mediku sabiex jassisti lill-Perit Legali Dr. Kenneth Grima LL.D. u senjatament sabiex jistabilixxi jekk l-attur huwiex ibati minn dizabbilita' permanenti bhala rizultat ta' l-incident in kwistjoni u jekk fl-affermattiv ighid f'liema grad tikkonsisti din id-debilita', u dan in sostituzzjoni tat-Tabib Albert Bartolo illi miet fil-mori tal-kawza.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 1999 illi permezz tieghu l-inkarigu tal-Perit Legali Dr. Kenenth Grima LL.D. gie revokat minghajr ma gie sostitwit b'Perit Legali iehor.

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Dr. Carmel Sciberras M.D. illi gie mahluf fis-seduta tat-8 ta' Novembru 1999.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza l-Qorti trid tezamina tliet kweziti principali, u cioe':

1. jekk il-konvenut kienx responsabbli ghall-incident stradali illi sehh fil-11 ta' Gunju 1983 fi Pjazza Sette Giugno meta huwa kien qieghed isuq *fork-lifter* u mieghu kellu riekeb lill-attur Gerald Quintano, dak iz-zmien minuri;

2. jekk l-attur Gerald Quintano sofriex danni per konsegwenza ta' dan l-incident;

3. jekk fl-affermattiv, ghal kemm jammontaw tali danni.

Illi, ghar-rigward ta' l-ewwel kwezit, mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-11 ta' Gunju 1983 kien sehh incident fil-Marsa meta kien inqaleb *fork-lifter* illi kien misjuq mill-konvenut u f'dan l-incident kien wegga' l-attur illi kien riekeb fl-istess *fork-lifter*. Iz-zewg familji kienu girien ta' xulxin. Dan huwa prattikament l-uniku punt illi huwa pacifiku u hemm qbil dwaru da parti taz-zewg kontendenti. Fil-fatt ghal dak li jririgwarda d-dinamika ta' l-incident jezisti kunflitt kbir bejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg nahat.

L-attur, illi fiz-zmien ta' l-incident kien ghad ghandu biss madwar hdax-il sena, jghid illi huwa kien qieghed barra wara li mar jixtri xi helu meta ghadda l-konvenut bil-*fork-lifter* u qallu biex imur mieghu, u ghalkemm l-attur irrifjuta, fuq insistenza tal-konvenut huwa tela' mieghu fil-*fork-lifter* u kienu sejrin lejn il-garaxx tal-konvenut f'Hal Qormi meta, "*kif konna nezlin in-nizla tal-Pepsi nqlibna*" (xhieda ta' l-attur fis-seduta tal-10 ta' Gunju 1986 quddiem il-Perit Legali). L-attur ikompli jixhed illi "*f'daqqa konna mexjin bil-mod u f'daqqa waqajna. Waqajna fit-tarf tan-nizla.*" Din hija l-ispjegazzjoni tad-dinamika ta' l-incident moghtija mill-attur.

Omm l-attur, Mary Quintano, xehdet illi binha kien qalilha illi l-*fork-lifter* inqaleb meta marrulu l-*brakes*, u xehdet ukoll illi dan kien gie konfermat mill-konvenut innifsu meta kellmitu l-isptar dakinhar ta' l-incident. Missier l-attur, Alfred Quintano, ukoll sostna fix-xhieda tieghu moghtija quddiem il-Perit Legali fis-seduta tat-18 ta' Marzu 1986 illi "*il-konvenut qalilna dakinhar li l-incident gara ghaliex marrulu l-brejkijiet.*"

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva pero' illi l-attur innifsu fl-ebda mument mix-xhieda tieghu, kemm dik moghtija quddiem il-Perit Legali fis-seduta tal-10 ta' Gunju 1986 meta allura kien ghadu guvnott u kif ukoll fix-xhieda minnu moghtija quddiem il-Perit Legali fis-seduta tat-13 ta' Marzu 1992 meta huwa kellu ghoxrin sena ma jsemmi dan l-incident illi allegatament marru l-*brakes* tal-*fork-lifter* in kwistjoni. Raymond Zammit, ir-ragel t'oht l-attur, fix-xhieda tieghu moghtija quddiem il-Perit Legali fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1986 sostna illi wara li sehh l-incident *de quo* lil missier il-konvenut kien qallu kliem fis-sens "*xbajt nghidilkom biex lit-tifel ma tohduhx maghkom*" u li qabel l-incident in kwistjoni kien diga' sehh incident iehor meta "*dawn ta' Abela kienu qasmulu rasu*".

Il-Qorti tosserva pero' illi dawn l-allegazzjonijiet huma rifjutati kategorikament mill-konvenut u mix-xhieda minnu prodotti u lanqas ma jirriskontraw ebda sufragju mix-xhieda l-ohra prodotti mill-attur innifsu, u kwindi ma jistghux jinghataw ebda piz jew konsiderazzjoni.

Alfrida Galea, xhud indipendenti prodotta mill-attur, xehdet, fis-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali fil-25 ta' Ottubru 1989, illi hija kienet qed tonxor fuq il-bejt tal-flat taghha illi jinsab fi Triq C. Abela u jinfed ghall-Pjazza Sette Giugno, il-Marsa, meta semghet ghajjat ta' nies u x'hin ittawlet ghal isfel rat *fork-lifter* maqlub ghal fuq in-naha tax-xellug. In-nies li kien hemm migburin qalulha li kien wegga' tifel u kien hemm min spjega kif gara l-incident.

Martin Zammit, ir-ragel t'oht l-attur, xehed fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 1990 quddiem il-Perit Legali illi huwa kien ghaddej mill-inhawi u ra *fork-lifter* maqlub fit-triq ghalkemm l-incident ma kienx rah isehh.

Id-dinamika ta' l-incident kfi spjegata mix-xhieda prodotta mill-konvenut, u cioe' l-konvenut innifsu, missieru John Abela, u

hutu Charles u Angiolino Abela, hija ghal kollox differenti minn dik kif deskritta mill-attur.

Charles Abela, fix-xhieda minnu moghtija quddiem il-Perit Legali fid-29 ta' Jannar 1993, qal illi dakinhar ta' l-incident, li kien is-Sibt, il-konvenut kien qed isuq il-*fork-lifter* in kwistjoni biex ighabbih fuq karru li kien imqabbad maz-ziemel (trukk), x'hin f'daqqa u l-hin, waqt li kien qed jipprova jghabbi l-*fork-lifter* ghal fuq it-trukk, fegg l-attur u pprova jitla' fuq il-*fork-lifter* . Ix-xhud kompla jispjega illi kif ra hekk huwa beda jghajjat lill-attur "*biex jinzel minn fuq il-lifter jew sabiex ma jitlax fuq il-lifter*" ghaliex ma jiftakarx jekk l-attur kienx diga' tela' jew kien qed jipprova jitla' u "*bejn bl-ghajjat tieghi u bejn ihares lejn Quintano, hija tilef il-kontroll tal-"lifter" li nqaleb u f'dan l-incident korra kemm Gerald Quintano kif ukoll hija Anthony (u cioe' l-konvenut).*"

Ix-xhud Charles Abela jghid ukoll illi l-incident sehh fil-bidu tan-nizla li taghti ghal go Qormi Road, fil-bidu tan-nizla li tispicca faccata tal-hanut taz-zebgha li jismu "Morton". It-trukk u l-karru kienu fin-nizla, wicchom lejn Qormi Road, iharsu lejn in-nizla, u l-*fork-lifter* spicca ftit metri 'l boghod minn fejn kien qabel sehh l-incident peress illi tkaxkar fin-

nizla.  Sostna wkoll illi l-*lifter* fil-hin ta' l-incident kien qed jinsaq b'lura.  Ix-xhud Charles Abela qal ukoll illi l-*fork-lifter* ma kienx licenzjat u assikurat biex jinsaq fit-triq u fil-fatt dan kien jitghabba fuq karru u jingarr minn post ghall-iehor skond il-bzonn.

Fuq domanda lilu maghmula in kontro-ezami fis-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali fil-5 ta' Marzu 1993, ix-xhud Charles Abela wiegeb hekk:  "*Ma nafx kemm lahaq mexa l-"lifter" fid-direzzjoni tal-karru meta jiena rajt l-ewwel darba lil Quintano jipprova jitla' fuq il-"lifter" minn meta dan kien gie startjat minn hija u beda jsuqu*."  Qal ukoll illi l-*lifter* inqaleb fil-bidu tan-nizla.  Xehed ukoll, fis-seduta tat-23 ta' April 1993, illi "*meta jien bdejt nghajjat biex Quintano jinzel minn fuq il-"lifter" jew ma jitlax fuqu, naf li hija dawwar rasu u f'daqqa wahda l-"lifter" inqaleb.  Meta nqaleb kien jew gja' beda jitla' fuq ir-rampi tal-hadid jew wasal biex jitla' u nqaleb fuq xi gebla jew b'xi hofra fit-triq.*"

Ix-xhud Chalres Abela qal ukoll illi huwa w il-familjari tieghu nehhew il-*lifter* u t-trukk wara l-incident u haduhom fil-garaxx ta' Hal-Qormi sabiex ma tkomplix issir hsara lil-*lifter* u ghax

"*bil-"lifter" ma' l-art zewg karozzi ma jghaddux*", u dan qabel ma ghamlu rapport fl-Ghassa tal-Pulizija.

Il-Qorti tosserva illi ovvjament dan l-agir da parti tal-konvenut u l-familjari tieghu kkontribwixxa mhux ftit biex id-dinamika reali ta' dan l-incident tigi mgezwra b'lizar ta' dubju w incertezza, u dan ghaliex kieku sar rapport l-Ghassa immedjatament u sar access immedjat fuq il-post u skizz tal-*lifter* u possibbilment it-trukk u l-karru (jekk dawn verament jiffiguraw f'dan l-incident), il-Qorti kien ikollha quddiemha stampa oggettiva u fattwali ta' l-incident in kwistjoni. Ix-xhud Charles Abela wiegeb in kontro-ezami illi ghalih "*dan kien incident serju*" izda ghalkemm qal ukoll illi "*ahna nistennew biex jigu l-Pulizija wara li jkollna incident skond il-gravita' tal-kaz*", m'gharafx iwiegeb id-domanda li saritlu mill-Perit Legali fis-seduta tat-23 ta' April 1993 ghaliex allura f'dan l-incident, illi huwa stess iddeskriva bhala "incident serju", ma gietx segwita din il-procedura, u cioe' li wiehed jaghmel rapport u jistenna lill-Pulizija. Dan l-agir da parti tal-konvenut u l-familjari tieghu, li, skond ma xehed ix-xhud Charles Abela stess ikollhom hafna incidenti bilil ghandhom hafna ingenji, u allura certament jafu x'suppost isir f'kaz bhala dan, izjed u izjed meta fl-incident ikunu korrew xi persuni, u, di piu', meta

wiehed minn dawn il-persuni kien minorenni, ma jistax hlief iqanqal suspett f'mohh il-gudikant illi l-heffa illi biha nsatar kollox u tnehhew l-indizji ta' l-incident kien agir intenzjonali ta' min effettivament kellu interess illi jahbi.

Xhud iehor prodott mill-konvenut kien Angelino Abela, hu l-istess konvenut, illi fis-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali fit-28 ta' Gunju 1994 xehed illi l-konvenut kien qieghed itella' l-*fork-lifter* fuq karru li kien marbut ma' trukk, bir-*reverse*, u kien diga' qabad ir-rampi bir-roti tal-*lifter* x'hin f'daqqa wahda fegg l-attur Gerald Quintano li mar jigri hdejn il-konvenut biex itellghu fuq il-*lifter* u huh l-iehor Charles Abela beda jghajjat ma' l-attur biex iwarrab minn hemm. Ix-xhud Angelino Abela jispjega d-dinamika ta' l-icnident b'dan il-mod: "*Waqt dan l-ghajjat jien harist fid-direzzjoni tal-fork-lifter, rajt lill-attur jixxabbat mal-"lifter", nofsu fuq il-"lifter" u nofsu "in arja" u f'daqqa wahda rajt il-"lifter" jinqaleb fuq genbu*" pero' ma jiftakarx jekk il-*lifter* inqalibx fuq in-naha ta' l-attur o meno. Il-Qorti tosserva illi ghalkemm ma jghidx dan direttament, ix-xhud bhal donnu jipprova jaghti l-impressjoni illi l-*lifter* inqaleb minhabba fil-fatt illi tela' fuqu l-attur - "*nofsu fuq il-"lifter" u nofsu "in arja"*" - xi haga mill-izjed inverosimili tenut ukoll kont

tal-fatt illi kif gie konfermat mix-xhud l-iehor Charles Abela, dan il-*lifter* kien jizen zewg tunnellati u nofs.

Ix-xhud Angelino Abela qal ukoll illi huwa u huh Charles Abela kienu qrib hafna ta' fejn sehh l-incident - "*minn fejn kont jien sa fejn inqaleb il-fork-lifter kien hemm tul ta' xi trukk jew tnejn*" - u li malli nqaleb il-*lifter* huma marru jigru mill-ewwel biex jaghtu s-sokkors izda l-attur kien diga' fuq saqajh, ma sabux jokrob bl-ugiegh u meta staqsih weggax qallu "*li ma kellu xejn gravi*". Din il-verzjoni tal-fatti hija wkoll inverosimili in vista tal-feriti illi sofra l-attur kif deskritti kemm fir-rapport tal-Perit Mediku Dr. Anton Bartolo tat-18 ta' Lulju 1986 u kif ukoll dawk tal-Perit Mediku Dr. Carmel Sciberras a fol. 130 sa 132 tal-process, kif ukoll in vista tal-perjodu twil ta' rikoveru illi kellu l-attur wara dan l-incident.

Ix-xhud Angelino Abela qal ukoll, fix-xhieda minnu moghtija fil-kors tas-seduta fuq imsemmija, illi qabel ma sema' lil huh Charles Abela jghajjat ma' l-attur fil-mument illi sehh l-incident "*naf li l-istess Charlie kien diga' kecca lill-attur minn hdejna ghax dan kien qed idur ma' l-ingenji.*" Din il-verzjoni tal-fatti hija diskordanti ma' dak illi xehed l-istess Charles Abela fis-seduta tal-5 ta' Marzu 1993 fejn qal hekk: "*Ma nafx kemm*

*lahaq mexa l-"lifter" fid-direzzjoni tal-karru meta jiena rajt l-ewwel darba lil Quintano jipprova jitla' fuq il-"lifter" minn meta dan kien gie startjat minn hija u beda jsuqu*." L-istess Charles Abela xehed illi waqt li huh kien qed isuq il-*lifter* kien "fegg" l-attur, u fl-ebda mument ma jsemmi illi kien rah qabel jitlajja' ma' l-ingenji u wisq inqas li kien keccih ghalkemm xehed ili huwa kien qieghed fl-ghalqa fejn huma kienu jzommu l-ingenji taghhom jinnavika ma' l-istess ingenji.

Xhud iehor prodott mill-konvenut, missieru John Abela, fis-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali fit-13 ta' Settembru 1995, xehed illi huwa sema' lill-ibnu Charles Abela (ghalkemm ma jeskludix illi kien ibnu l-iehor Lino, prezumibilment ix-xhud Angelino Abela) jghajjat "*inzel minn hemm*", u f'dak il-hin huwa ra lill-attur "*bilqieghda wara fuq il-"lifter" u l-"lifter" ser jaqbad jitla' fuq l-istrippi tal-hadid biex jitghabba fuq it-"trailer". F'daqqa w il-hin rajt il-"lifter" jitmejjel pero' ma rajtux jinqaleb. Ftit wara pero' rajtu maqlub.*"

Il-Qorti tosserva illi din il-verzjoni tal-fatti ma tikkombacjax max-xhieda moghtija minn Angelino Abela ghaliex filwaqt illi wiehed sostna illi l-attur kien "*nofsu fuq il-"lifter" u nofsu "in arja"*", ix-xhud l-iehor, John Abela, qal li ra lill-attur "*bilqieghda*

*fuq wara tal-"lifter*"". Ix-xhud John Abela lanqas ma gharaf jispjega kif inqaleb il-*lifter* u qal illi *"f'daqqa u l-hin rajt il-"lifter" jitmejjel pero' ma rajtux jinqaleb. Ftit wara pero' rajtu maqlub.*" Il-Qorti ssib diffikulta' biex taccetta tali xhieda tenut kont fuq kollox tal-fatt illi ladarba l-imsemmi xhud ra l-incident isehh mill-bidu tieghu, l-attenzjoni tieghu indubbjament kienet inkullata kollha kemm hi fuq dak li kien qed jigri u ghalhekk ma tistax issib spjegazzjoni ghall-fatt illi x-xhud John Abela ma rax il-*lifter* jinqaleb u ma rax kif inqaleb.

Ix-xhud John Abela qal ukoll illi "*kif rajt il-"lifter" jitmejjel grejt lejh u sibt lill-attur bilqieghda fuq bankina magenb il-"lifter" li kien maqlub ghal gembu*". F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel l-istess osservazzjonijiet illi ppronuncjat iktar 'il fuq fir-rigward tax-xhieda moghtija mix-xhud Angelino Abela dwar dan l-istess fatt.

Il-Qorti tosserva wkoll illi x-xhud Charles Abela, fis-seduta tat-23 ta' April 1993 kien xehed hekk: "*... naf li Quintano wegga' siequ ghax beda jilmenta bl-ugiegh f'siequ. Naf li fuq Quintano u fuq il-konvenut rajt id-demm*." Minn naha l-ohra x-xhud Angelino Abela xehed, kif fuq indikat, illi lill-attur ma sabux jokrob bl-ugiegh u meta staqsih weggax qallu "*li ma*

*kellu xejn gravi*" u da parti tieghu x-xhud John Abela xehed illi "*jiena ma rajt ebda dmija la fuq l-attur u lanqas ma' l-art u sa dak il-hin ma kontx naf li l-attur wegga.*"

Ix-xhud John Abela qal ukoll illi huwa ma ghamel ebda rapport mal-Pulizija dwar dan l-incident u lanqas jaf li ghamlu xi rapport uliedu. Minn naha l-ohra x-xhud Charles Abela qal illi missieru kien mar jaghmel rapport flimkien ma' missier l-attur fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun.

Il-konvenut Anthony Abela jispjega d-dinamika ta' l-incident bil-mod segwenti:

"*Dakinhar ta' l-incident jien kont ser intella' "fork-lifter" fuq il-karru; waqt li kont qed insuq il-"fork-lifter" ... Jerry Quintano gie jigri fuq il-"lifter" kif kont tiela' fuq ir-rampi. Jiena ma kontx intbaht li Jerry kien tiela' fuq il-"lifter" ghax dan gie minn warajja. F'daqqa wahda smajt lil hija Charles jghajjat "inzel, inzel, inzel". Jien harist fid-direzzjoni ta' mnejn kien gej l-ghajjat u f'dak il-hin il-"lifter" inqaleb minn fuq ir-rampi u gie fuq il-gemb tieghu.*"

Il-konvenut Anthony Abela jispjega wkoll fid-dettall il-manuvra illi biha kien qieghed itella' l-*lifter* ghal fuq il-karru, u dan bil-mod segwenti:

"*Nispjega li biex jittella l-"lifter" fuq il-karru, il-karru jkollu zewg rampi tieghu stess, dawn jitnizzlu minn fuq il-karru ghal ma' l-art u s-sewwieq tal-fork-lifter*, *f'dal kaz jien, jirriversja l-"lifter" ghal fuq ir-rampi w imbaghad ghal fuq il-karru. Waqt li kont qed nirriversja biex intella' l-"lifter" fuq ir-rampi, jien kelli wicci mdawwar lejn in-naha tax-xellug tieghi biex nikkalkula li r-roti tax-xellug taqbad ir-rampa sewwa. Ir-rampa wiesgha cirka zewg piedi w ir-roti tal-"lifter" huma ferm idjaq. Jiena nikkalkula fuq naha wahda biss, dik tax-xellug, Il-"lifter" huwa "left hand drive". Nikkonferma li Jerry ma giex mid-direzzjoni ta' mnejn kont qed inhares lura jien waqt li kont qed nirriversja. Gie mid-direzzjoni l-ohra. Jien nghid li ma nafx Jerry minn liema naha gie jew fejn kien. Minn quddiemi jew mnejn kont qed inhares jien, zgur ma giex. Meta hija ghajjat "inzel, inzel" u harist fid-direzzjoni ta' mnejn gie l-ghajjat, ma niftakarx lil Jerry f'dak il-mument rajtux jew le. Naf pero' li l-"lifter" inqaleb hekk kif jien harist fid-direzzjoni ta' mnejn gie l-ghajjat. Il-"lifter" inqaleb fuq in-naha tal-lemin tieghi. Qabel l-ghajjat, ir-rota ta' wara tal-"lifter", anzi z-zewg roti, kienu gja*

*telghu nofs ir-rampa. Ir-rampa twila xi hames piedi w angolata 'l fuq bejn l-art u l-gholi tal-karru qisu ghal tlett piedi jew ftit fuqhom.*"

Dan huwa r-rakkont pjuttost dettaljat illi jaghti l-konvenut tad-dinamika ta' l-incident, rakkont illi jikkombacja, ghalkemm mhux fid-dettalji tieghu kollha, mar-rakkont ta' l-akkadut moghti mix-xhieda Charles Abela, Angelino Abela u John Abela, hut u missier il-konvenut rispettivament. Fil-fatt ix-xhieda kollha sostnew illi l-*lifter* kien qed jinsaq biex jitghabba ghal fuq karru li kien imwahhal ma' trukk, ghalkemm huwa biss il-konvenut illi jindika bi precizjoni f'liema stadju kienet waslet din l-operazzjoni meta sehh l-incident - u cioe' x'hin iz-zewg roti tal-*lifter* kienu diga' telghu nofs ir-rampa. Ix-xhieda kollha jghidu wkoll illi l-*lifter* kien qed jinsaq bir-*reverse*.

Il-konvenut xehed illi huwa jhares biss lejn in-naha tax-xellug u jikkalkula fuqha, xi haga illi hija plawsibbli u verosimili, u tenna illi l-attur zgur illi ma feggx minn dik in-naha. Ix-xhud Charles Abela qal illi l-*lifter* kien b'wiccu jhares lejh (u cioe' lejn ix-xhud) hekk kif kien qed jinsaq b'lura u qal li lill-attur "*ma rajtux quddiem bejn il-"lifter" u l-parti wiesgha tat-triq. Pero' rajtu jitla' fuq il-"lifter" jew jinzel minn fuq minn dik il-parti*

*wiesgha tat-triq stess, igifieri minn fuq in-naha tal-lemin tieghi, pero' nghid ukoll li la ma rajtux kif spjegajt dan nahseb li hareg jigri minn naha tax-xellug tieghi, minn fejn hemm il-bankina, ghadda minn bejn il-"lifter" u t-trukk u dar mal-"lifter" u tela' fuqu jew ipprova jinzel minn fuqu kif gja' semmejt*." Ghalkemm iz-zewg verzjonijiet moghtija mill-konvenut u mix-xhud Charles Abela mhumiex identici ghal xulxin, pero' z-zewg verzjonijiet jaghmlu sens flimkien meta jittiehdu fil-kuntest tad-dinamika kollha ta' l-incident.

Dettall iehor huwa illi l-*fork-lifter* ghandu *seat* wiehed biss, xi haga illi tennewha x-xhieda tal-konvenut u li ma gietx rifjutata da parti ta' l-attur, u allura hawnhekk tqum il-kwistjoni dwar fejn kien rikeb l-attur jekk l-incident sehh kif irrakkontah hu, u cioe' li l-konvenut stiednu biex jitla' mieghu u jmur mieghu bil-*fork-lifter* u li dan inqaleb meta kien qed jinsaq fin-nizla tal-Pepsi fid-direzzjoni ta' Hal Qormi.

Il-Qorti tosserva illi kwistjoni fundamentali biex jigi stabbilit jekk il-konvenut kienx responsabbli o meno ghall-akkadut u ghad-danni illi sofra l-attur per konsegwenza ta' l-incident *de quo* hija jekk l-attur kienx jinsab fuq il-*lifter* fil-mument ta' l-

incident fuq stedina tal-konvenut jew inkella jekk l-attur qabadx u tela' jew ipprova jitla' fuq il-*lifter di sua sponta*.

Il-konvenut u x-xhieda minnu prodotti, u cioe' hutu u missieru, u kif ukoll ix-xhud Catherine Vella, gara taz-zewg kontendenti, illi giet prodotta bhala xhud *at the eleventh hour*, kollha jsostnu illi l-attur flimkien ma' tfal ohra kienu ta' sikwit jitlajjaw fl-ghalqa fejn il-familja tal-konvenut kienu jzommu l-ingenji taghhom u joqghodu jilghabu u jitilghu fuq l-istess ingenji. Il-Qorti tosserva illi din hija xi haga plawsibbli tenut kont ukoll illi hija xi haga normali illi tfal subien ta' l-eta' ta' l-attur fiz-zmien ta' l-incident ikunu affaxxinati mit-tip ta' ingenji bhal *loaders*, *lifters* u trukkijiet illi kellhom il-familja tal-konvenut u li normalment is-subien jilghabu bihom f'format ta' gugarelli. Il-Qorti tosserva wkoll pero' n-nuqqas u mankanza da parti tal-familja tal-konvenut illi kienu jzommu dawn l-ingenji f'ghalqa li, skond it-tezi taghhom stess, ma kienet ta' hadd, esposta u miftuha ghall-pubbliku in generali, u allura wkoll ghall-kurzita' tat-tfal, u dan meta skond ix-xhieda tal-familja tal-konvenut stess, tali ingenji, fosthom il-*lifter de quo*, la kien assigurat u lanqas ma kien registrat mal-Pulizija.

F'dan l-istadju l-Qorti trid tissottolinea zewg principji fundamentali illi huma applikabbli, u cioe' illi l-piz tal-prova tinkombi fuq l-attur li qieghed jallega ("*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*") u li fil-kamp civili huwa sufficjenti illi l-attur jipprova l-kaz tieghu fuq bilanc ta' probabbilita'.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-provi migjuba mill-attur in sostenn tal-kaz tieghu huma skarsi ferm.  Anke x-xhieda moghtija mill-attur innifsu hija superficjali hafna.  Meta xehed fis-seduta tal-10 ta' Gunju 1986, l-attur fis-sustanza qal dan li gej -

1. illi huwa mar jixtri l-helu flimkien ma' Raymond Zammit, ir-ragel t'ohtu, izda wara li xtara l-helu Zammit kien telaq lejn id-dar u huwa baqa' wahdu;

2. illi l-konvenut gie fuqu u qallu "*gej mieghi*" u ghalkemm l-attur irrifjuta l-konvenut hadu xorta wahda u rikkbu;

3. illi l-konvenut kien sejjer lejn il-garaxx f'Hal Qormi jdahhal il-*fork-lifter* u kif kienu nezlin in-nizla tal-Pepsi nqalbu;

4. illi f'daqqa wahda kienu mexjin bil-mod u "*waqajna f'daqqa*" fit-tarf tan-nizla, siequ dahlet go hofra u l-*lifter* nizel fuq u imbaghad intilef minn sensih.

Din hija l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur. Il-Qorti tosserva pero' illi l-attur ma jaghti ebda spjegazzjoni ta' kif inqaleb il-*fork-lifter* ghajr illi "*f'daqqa konna mexjin bil-mod u waqajna f'daqqa*". Fl-ebda hin ma jghid, kif qalu illi kien irrakkontalhom binhom missieru w ommu fix-xhieda taghhom, illi *fork-lifter* inqaleb ghax kienu marrulu l-*brakes*. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma saru ebda domandi lill-konvenut dwar din il-kwistjoni tal-*brakes* in kontro-ezami. L-attur ighid biss illi waqt li kienu nezlin in-nizla tal-Pepsi nqalbu, bla ma jaghti ebda spjegazzjoni.

L-attur ighid ukoll illi lill-konvenut kien jafu "*imma mhux hafna*" u li qabel l-incident qatt ma jaf li kien kellmu lill-konvenut li skond hu kien jafu biss minn wiccu. Qal ukoll li lil hadd mill-familja tal-konvenut ma kien jaf u qatt ma kien kellimhom. In kontro-ezami, meta gie mistoqsi kif kien illi huwa spicca mar mal-konvenut minkejja illi ma riedx, l-attur qal illi l-konvenut gibdu minn idu u qabad u regghu u tellghu fuq il-*fork-lifter*.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi din il-verzjoni moghtija mill-attur hija wahda pjuttost inverosimili u zgur illi ma jistax jinghad illi l-kaz ta' l-attur jirrizulta ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u sal-grad li trid il-ligi semplicement fuq ix-xhieda superficjali hafna u priva minn kull dettall moghtija mill-attur.

Il-Qorti tosserva illi f'dan il-kaz lanqas ma gie ppruvat jekk il-*fork-lifter* inqalibx waqt li kien qed jinsaq fid-direzzjoni tal-garaxx tal-familja tal-konvenut, f'HalQormi, kif isostni l-attur, jew waqt li dan kien qed jitghabba ghal fuq karru, kif itenni l-konvenut u x-xhieda tieghu, hutu u missieru. Il-Qorti tirrimarka illi kien ikun opportun illi wiehed jistaqsi lil Alfrida Galea, xhud okulari indipendenti illi rat ix-xena ta' l-incident ezattament wara li sehh, jekk hija ratx biss *fork-lifter* maqlub jew inkella fil-vicinanzi immedjati kienx hemm ukoll trukk u karru, izda dan ma sarx. L-istess jista' jinghad ghax-xhud Martin Zammit, ir-ragel t'oht l-attur, illi ghadda minn fuq il-post ta' l-incident ftit wara li sehh. Dawn iz-zewg xhieda t-tnejn isemmu illi raw *fork-lifter* maqlub izda hadd minnhom ma jsemmi xejn izjed, u ghalhekk wiehed ma jistax, mix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni, jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk kienx hemm ukoll trukk u karru li fuqhom allegatament kien qed jitghabba l-*fork-lifter* mill-konvenut o meno.

Mill-banda l-ohra l-Qorti tosserva illi ghalkemm fix-xhieda moghtija mill-konvenut u minn hutu Charles u Angelino Abela u missieru John Abela jirrizultaw xi diskrepanzi illi ma jistghux hlief jinkwetaw lil din il-Qorti, min naha l-ohra pero' l-Qorti thoss illi huwa izjed plawsibbli illi *lifter* illi jizen zewg tunnellati u nofs jinqaleb waqt li jkun tiela' rampa biex jitghabba fuq karru milli waqt li jkun qed jinsaq fit-triq b'mod normali.

L-attur jintenta illi jipprova r-responsabbilita' da parti tal-konvenut mill-agir tal-familjari ta' l-istess konvenut wara l-incident, u cioe' mill-fatt illi dawn baqghu jzuruh regolarment l-isptar u anke kkontribwew lejn l-ispejjez tal-gwariggjon billi xtrawlu xi medicini, faxex u medikamenti.  Il-Qorti tosserva illi ghalkemm dan il-fatt mhuwiex rifjutat minn naha tal-familjari tal-konvenut, dawn pero' jispjegaw illi huma baqghu jiehdu dan l-interess peress illi l-attur kien wegga' ma binhom, il-konvenut, u bhala girien, u li l-kontribuzzjoni taghhom kienet minima hafna, tant illi l-ewwel darba illi l-genituri ta' l-attur talbu ghajnuna izjed sostanzjali - u cioe' xi kotba li kienu jiswew madwar ghoxrin lira li kienu mehtiega peress illi l-attur kellu jibdel l-iskola wara dan l-incident - din it-talba giet immedjatament irrifjutata, u dan anke b'mod pjuttost rozz minn naha ta' missier il-konvenut lill-genituri ta' l-attur, kif

jixhdu huma stess. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax issib illi l-ghajnuna moghtija minn naha tal-familjari tal-konvenut (u mhux mill-konvenut innifsu, ghandu jigi sottolineat) lill-genituri ta' l-attur tista' titqies bhala xi forma ta' ammissjoni ta' responsabbilta' da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx illi t-talba ta' l-attur biex il-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident illi sehh fil-11 ta' Gunju 1983 u ghad-danni illi huwa sofra per konsegwenza ta' dan l-incident, giet ippruvata u ghalhekk qed tichad din it-talba flimkien mat-tieni w it-tielet talba illi huma konsegwenzjali ghal din it-talba u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ghar-rigward ta' l-ispejjez, il-Qorti tosserva illi c-citazzjoni promotrici li permezz taghha nfethet din il-kawza giet ipprezentata fil-5 ta' Frar 1985, u cioe' izjed minn sittax-il sena ilu. L-attur ilu li ddikjara illi ghalaq il-provi tieghu mis-seduta illi nzammet quddiem il-Perit Legali fit-30 ta' Settembru 1992, u baqghet tigi differita biex il-konvenut jaghmel u jikkonkludi l-provi tieghu sas-17 ta' Frar 1999. Dan il-fatt kif ukoll il-mod ta' kif irreagixxa l-konvenut wara l-incident bil-mod kif spjegat

f'din is-sentenza jwasslu lill-Qorti li tiddeciedi, minkejja dak deciz fuq il-meritu, illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati mill-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.